TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 202/14-F

**Rosalie Sammut**

**vs**

**Solo Optical**

Illum 9 ta' Jannar, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Settembru, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija u għoxrin ewro (€120), rappreżentanti l-prezz ta' nuċċali tax-xemx li wara sena nkissret is-sieq tan-nuċċali.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat nuċċali tax-xemx u wara sena nkissret is-sieq tan-nuċċali u meta ħaditu għat-tiswija għand is-soċjeta' ntimata, ġiet infurmata li huwa *beyond repair*. Waqt is-smigħ tal-kawża r-rikorrenti ħaditu għat-tiswija għand ħaddieħor u sewwihulha bi prezz baxx ħafna u ddikjarat li kienet sodisfatta.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi jekk in-nuċċali ġie msewwi minn ditta oħra, l-istess intimat seta' jsewwi n-nuċċali.

It-Tribunal, jinnota illi n-nuċċali ssewwa u li r-rikorrenti hija kuntenta bih.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tletin ewro (€30), u bl-ispejjeż kontra l-istess tas-soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888